MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 185/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Godfrey Debattista**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Godfrey Debattista talli fl-1 ta' Marzu 2005, ghall-habta tal-11.30 a.m. fil-Belt, Valletta:

1) Volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;
2) Bi kliem insulenta u hedded lil Francis Barbara;
3) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Francis Barbara, weggghu b'gesti jew b'mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi gahs-sigurta` ta' l-imsemmi Francis Barbara u tapplika l-provvedimenti ta' l-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Godfrey Debattista hati tat-tielet imputazzjoni li tassorbixxi fiha t-tnejn l-ohra, ikkundannatu ghall-hlas ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) *ammenda* u ordnat li jintrabat taht obbligazzjoni ta’ mitt liri Maltin (100) ghal perijodu ta’ sena li ma jimmolestax lil Francis Barbara;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Godfrey Debattista pprezentat fit-8 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka, tannulla u thassar s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant bazikament jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi mismugha. Fil-fatt din il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' dawn il-provi *viva voce* stante li x-xiehda li nghatat quddiem l-ewwel Qorti ma kinitx traskritta.

Francis Barbara xehed li fil-gurnata in kwistjoni, hekk kif hareg mill-Awla (tal-Magistrat Apap Bologna) fejn kien ghadu kemm intrabat b'obbligazzjoni li ma jimmolestax lil Godfrey Debattista, u mieghu kien hemm Caroline Debattista (mart l-appellant), l-appellant ipprovokah bi kliem mhux proprju u b'ton baxx sabiex jisimghu hu biss ghax kien hemm in-nies madwarhom. Ix-xhud qal li wara

mar isib lill-Avukat tieghu li qallu jaghmel rapport l-ghassa kif fil-fatt ghamel.

Caroline Debattista tikkonferma dak li qal Francis Barbara kwantu ghad-diskors li suppost intqal izda tghid li dan id-diskors intqal *"in a challenging tone"* u li *"it was not whispered"*. Qalet ukoll li *"she is not aware"* li qatt kien hemm xi gurnata fejn Francis Barbara kellu kawza quddiem il-Magistrat Apap Bologna u kawza ohra quddiem il-Magistrat Padovani Grima.

L-appellant cahad li kellem lil Francis Barbara fil-gurnata in kwistjoni u qal li wara l-kawza li kellu quddiem il-Magistrat Apap Bologna hareg mill-Awla ma' l-Avukat tieghu, filwaqt li Francis Barbara u l-mara ta' l-appellant marru fl-Awla tal-Magistrat Padovani Grima akkompanjati mill-Ispettur Cordina. Waqt konfront ma' Francis Barbara, dan ix-xhud Barbara kkonferma li kellu kawza ohra quddiem il-Magistrat Padovani Grima, qal li l-Ispettur Cordina kien miexi ftit 'il quddiem minnu u mart l-appellant u dak il-hin l-appellant kien wahdu u mhux ma' l-avukat tieghu. Allega li Dott. Cassar ammetta li ma kienx il-hin kollu ma' l-appellant.

Dott. Frank Cassar xehed li hareg mill-Awla tal-Magistrat Apap Bologna ma' l-appellant, l-appellant indikalu li Francis Barbara kellu kaz iehor quddiem il-Magistrat Padovani Grima, baqghu mexjin lejn dik l-Awla fejn dahlu Francis Barbara u Caroline Debattista u x-xhud dahal sabiex jindaga x'kellu hemm Francis Barbara. Rega' hareg minn dik l-Awla, mexa ma' l-appellant lejn il-bieb ta' barra fejn l-appellant halsu u rah hiereg 'il barra mill-Qorti.

P.S. 57 Ray Caruana xehed dwar ir-rapport li rcieva minghand Francis Barbara u Caroline Debattista fis-sens li l-appellant kien ghajjar lil Barbara bl-uzu ta' kelma improprja bil-lingwa Ingliza. Cempel lill-appellant li mar l-ghassa u nnega dak li kien qieghed jallega Barbara u qal li kien il-hin kollu ma' l-Avukat Cassar.

Minn din ix-xiehda huwa evidenti li hemm konflitt bejn dak li xehdu, minn naha Francis Barbara u Caroline Debattista

u min-naha l-ohra l-appellant u Dott. Frank Cassar. Izda hemm ukoll konflitti bejn ix-xiehda ta' Francis Barbara u Caroline Debattista stess, u bejn dak li xehdu u dak li rrapportaw lill-Pulizija.

Lill-Pulizija rrapportaw li l-appellant allegatament ghajjar lil Barbara bl-uzu ta' kelma mproprja bl-Ingliz mentri quddiem din il-Qorti semmew diversi kliem ohra bil-Malti. Caroline Debattista xehdet li ma kinitx *"aware"* li qatt kien hemm gurnata fejn Francis Barbara kellu kawza quddiem il-Magistrat Apap Bologna u ohra quddiem il-Magistrat Padovani Grima, u dan gie kontradett minn Barbara stess. Francis Barbara jghid li l-appellant kellmu b'ton baxx biex jisimghu hu biss filwaqt li Caroline Debattista tghid li semghetu wkoll u li *"it was not whispered"*. Ghalkemm Francis Barbara jallega li Dott. Cassar ammetta li ma kienx ma' l-appellant il-hin kollu, mix-xiehda ta' Dott. Cassar jirrizulta li l-uniku hin li halla lill-appellant wahdu kien meta dahal fl-Awla tal-Magistrat Padovani Grima biex jindaga x'kellu hemm Francis Barbara, u dak il-hin kemm Barbara kif ukoll Caroline Debattista kienu gewwa.

F'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-opportunita` li tevalwa l-imgieba, il-karattru u l-kondotta tax-xhieda u hija tal-fehma li jekk l-ewwel Qorti kellha quddiemha l-provi li semghet din il-Qorti, dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li hija waslet ghaliha.

Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minnhom tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------